**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 379/2017 PM1**

**Vista Coop (Numru ta' Registrazzjoni 77/03)**

**Vs**

**James Abela (KI 77874(M)) u Ruth Abela Scicluna (KI 235378(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 t' Awwissu, 2017 illi l-intimati ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont globali ta' seba' mija u erba' Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€704.25) rapprezentanti l-ammont dovut lill-Kooperattiva attrici in konsegwenza tal-fatt li l-minuri Jayden Abela naqas milli jattendi n-Nannakola Childcare Centre, gestita mill-istess Kooperattiva attrici, ghal numru ta' sieghat li jeccedi is-97.25 siegha ta' assenza koncessi lill-istess Kooperattiva bhala parti mill-Ministry for Education and Employment – Free Childcare Scheme (Dok. VC3) liema ammont gie kkalkolat bir-rata ta' tliet Ewro (€3.00) ghal kull siegha ta' assenza oltre l-limitu preskritt, ossia ghad-differenza ta' 234.75 siegha ta' assenza mhux gustifikata, u dan kif spjegat fir-

rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok VC4; bl-ispejjez, inkluz dawk relattivi ghall-Ittra Ufficjali bin-numru 351/16, intavolata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat mill-Kooperattiva attrici sar dovut lilha sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont fl-intier tieghu, kontra l-intimati li huma, minn issa, ingunti ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti tal-20 t'Ottubru, 2017, tal-20 ta' Novembru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-20 ta' Novembru, 2017 u fil-fatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra, salv illi kif regolarment deciz l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' notifika tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja lill-konvenuti (dana in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-Kooperativa attrici s-somma ta' seba' mija u erba' Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€704.25) rapprezentanti l-ammont dovut lill-Kooperattiva attrici kif imfisser fl-avviz; bl-ispejjez, inkluz dawk relattivi ghall-Ittra Ufficjali bin-numru 351/16, intavolata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja lill-konvenuti kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**